MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Settembru 2020**

**Kumpilazzjoni numru 207/03CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**

**vs**

**Michael Rizzo**
**(ID: 223577M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Michael Rizzo** li ġie akkużat talli:

F'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, fil-21 ta' Jannar 2003, u fil-jiem ta' qabel u dawk ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess depożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ċioè ċekkijiet tal-HSBC Bank li jappartjenu lil Carmel Debattista, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom

fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli għamel xjentement użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Iffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, u ċioè ċekkijiet tal-HSBC Bank fuq l-akkont ta' Carmel Debattista illi meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli għamel użu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq bi ħsara ta' Carmel Debattista, HSBC Bank u diversi persuni oħra bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Xjentement laqa' għandu jew xtara affarijiet misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex imexxihom jew ibiegħhom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Ikkommetta serq ta' ċekk book maħruġ minn HSBC Bank fuq l-akkont ta' Carmel Debattista;

7. Ukoll talli sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Maġistrati fid-dati: 09 ta' Settembru 1999, 08 ta' Frar 2000, 10 ta' April 2002.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex jekk ikun il-każ, tikkundanna lil Michael Rizzo għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata 12 ta' Novembru 2004 (a fol. 77) fejn huwa deherlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub fl-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 334, 284, 285, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta' Mejju 2011 l-imputat iddikjara li huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha surreferita;

Rat illi din il-kawża ġiet differita *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Frar 2014;

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' digriet tas-26 ta' Ottubru 2017;

Rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Rat l-atti kollha;

Rat illi minkejja li l-imputat ingħata diversi opportunitajiet biex iressaq il-provi tiegħu ma ressaq l-ebda provi, għalkemm l-avukata tiegħu kienet dejjem preżenti u disponibbli għal kull seduta li saret quddiem din il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat b'numru ta' delitti kontra l-fiduċja pubblika, kontra l-Proprjetà u kontra s-Sigurtà Pubblika, kollha allegatament kommessi fil-21 ta' Jannar 2003 u fil-jiem ta' qabel u ta' wara, fosthom:

1. Li ffalsifika firem fuq ċekkijiet u għamel użu mill-istess ċekkijiet;
2. Frodi b'egħmil qarrieqi;
3. Riċettazzjoni;
4. Serq ta' *cheque book*.

L-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeċiedi l-Qorti hija dwar l-ammissibilità o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-31 ta' Jannar 2003 esebita a fol. 19 tal-proċess. Waqt it-trattazzjoni id-difiża talbet l-isfilz tal-istess stqarrija u dan b'referenza għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Illi jirriżulta illi fil-jum li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija lill-Pulizija, l-istess imputat kellu ħamsa u għoxrin sena u l-fedina penali tiegħu dakinhar ma kinitx waħda netta. Jirriżulta wkoll mill-istess stqarrija illi qabel l-interrogazzjoni tiegħu, huwa ngħata s-solita twissija illi ma kienx obbligat illi jitkellem, imma dak li jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Jirriżulta wkoll illi fil-fatt l-imputat wieġeb għad-domandi kollha li sarulu u fl-aħħar iffirma dikjarazzjoni fis-sens illi

huwa għamel l-istqarrija b'mod volontarju, mingħajr theddid jew biża', wegħdiet jew twebbil ta' xi vantaġġi, u wara li l-istess stqarrija qraha hu stess, huwa għażel li jiffirmaha.

Fil-każ odjern, l-imputat ma kienx minuri meta rrilaxxja l-istqarrija, jew kien għadu kif laħaq il-maġġor età. Huwa ma xehedx u lanqas ma jirriżulta mill-atti jew saret xi allegazzjoni fis-sens illi l-istqarrija tiegħu ma kinitx waħda volontarja jew vizzjata fis-sens tal-Artikolu 658 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk m'hemm xejn fl-atti li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-istqarrija tiegħu ma kinitx waħda volontarja. In oltre lanqas ma jirriżulta illi l-imputat seta' ammetta għal dak li ma kienx minnu u dan b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt illi l-istqarrija tiegħu ġiet korroborata bil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, kif ser jingħad iżjed 'l isfel. Huwa minnu illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Tyrone Fenech***, deċiża fit-22 ta' Frar 2013, u dan fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fi żmien meta ma kellux id-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi Fenech, li kien għadu kemm għalaq dsatax-il sena meta rrilaxxja l-istqarrija, għandu mnejn illi minħabba l-età tiegħu, kellu dik il-vulnerabbilità tali li bħala konsegwenza tagħha, seta' għamel stqarrija a bażi ta' liema seta' jinstab ħati meta fis-sewwa ħati ma kienx. Fil-fehma ta' dik il-Qorti, l-għajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn isservi sabiex tegħleb dik il-vulnerabbilità u biex tagħti garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija u għalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija twassal għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Iżda fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali*** deċiża fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali spjegat ukoll illi l-fatt waħdu li l-istqarrija tkun ittieħdet mingħajr ma l-persuna arrestata jkollha aċċess għal avukat, mhux biżżejjed sabiex jista' jingħad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq. F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi ***"Għalhekk, li trid tagħmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx għal ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq u jekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."***

Din il-Qorti hija konxja illi l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet numru ta' kazijiet fuq dan il-punt u li l-istess decizjonijiet imorru minn inammissibilita` totali ta' stqarrija jekk l-imputat ma kienx assistit minn avukat ghal decizjonijiet ohra iktar moderati bhal fil-kaz ricenti ta' ***Farrugia vs Malta***[1] tqis illi minkejja l-età tal-imputat li, madankollu lanqas ma kien minuri jew kien għadu kif laħaq il-maġġor età, u wara li qieset ukoll illi din

[1] ECHR 4 ta' Gunju 2019

ma kinitx l-ewwel esperjenza tiegħu li kellu jaffaċċja l-ġustizzja, issib li ma hemmx il-perikolu illi huwa jista' jinstab ħati meta fil-fatt m'għandux hekk jinstab u dan in vista li l-istqarrija tal-imputat hija korroborata bi provi oħrajn li tressqu mill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex sejra tiskarta l-istqarrija rrilaxxjata mill-istess imputat, sa fejn din hija kkorroborata minn provi oħrajn.

Illi mill-provi jirriżulta illi fit-2 ta' Settembru 2003, ċertu **Mario Bartolo**, Security Manager tal-Bank HSBC għamel kwerela rigward tliet (3) ċekkijiet li kienu ssarrfu mill-kont ta' ċertu Carmelo Debattista mill-imputat.[2] Dawn iċ-ċekkijiet kienu jammontaw għal seba' mitt lira Maltin (Lm700), tmien mitt lira Maltin (Lm800) u disa' mija u ħamsin lira Maltin (Lm950), liema ċekkijiet issarrfu mill-imputat tnejn minnhom fil-21 ta' Jannar 2003 u ieħor fis-27 ta' Jannar 2003. Bartolo jispjega li l-imputat kien reġa' mar il-Bank biex isarraf ċekk ieħor ta' elf lira Maltin (Lm1000) però kien inżamm għax saru jafu minn ulied Carmelo Debattista li l-istess Debattista kien l-isptar. Għalhekk meta l-imputat mar biex isarraf ir-raba' ċekk ġew mgħarrfa l-Pulizija u l-istess imputat ġie arrestat. Bartolo spjega li l-Bank kien irrifonda l-ammonti żbankati mill-imputat lill-eredi ta' Debattista.

Illi bint Carmel Debattista, **Doreen Manche`,** xehdet f'dawn il-proċeduri u spjegat li fiż-żmien inkwistjoni missierha kien *bedridden* u kien għamlilha prokura ġenerali u meta ċċekkjat l-affarijiet sabet li ħarġu tliet ċekkijiet indirizzati lill-imputat. Tispjega li eventalment kienet laħqet ftehim mal-imputat li joħroġ minn xi fond tagħhom u huma kienu lesti li jaħfrulu diment li jirrifondi s-somma żbankata. Hija esebiet kuntratt minn fejn jirriżulta illi fis-7 ta' Frar 2003 l-imputat ikkostitwixxa ruħu bħala debitur veru, ċert u likwidu versu l-istess xhud u ħuha Lawrence Debattista fis-somma ta' elfejn u ħames mitt lira maltin (Lm2500).[3]

**Lawrence Debattista**, bin Carmel Debattista, stqarr illi l-imputat kien kera xi post mingħand missieru filwaqt li l-imputat, omm l-imputat u t-tfajla tiegħu għamlu perjodu ta' xhur jieħdu ħsieb missieru. Jispjega li meta missieru ġie rikoverat l-Isptar għal ċirka tliet ġimgħat qabel miet, l-imputat u t-tfajla tiegħu kienu jieħdu ħsieb id-dar ta' missieru.

Illi mill-provi mressqa jirriżulta wkoll illi fil-31 ta' Jannar 2003 il-Pulizija elevat mingħand l-imputat mazz ċwievet appartenenti lil Carmel Debattista u *cheque book* intestat fuq l-istess Debattista.[4]

---

[2] A fol 23
[3] A fol. 54
[4] Ara Nota ta' Qbidipprezentata a fol. 22 tal-process

Illi fit-18 ta' Jannar 2010, din il-Qorti diversament presjeduta kienet innominat lill-espert Dr. Anthony Abela Medici sabiex jeżamina żewġ firem ta' Carmelo Debattista esebiti in atti mal-firem fuq iċ-ċekkijiet inkwistjoni. Illi l-imsemmi espert ikkonkluda li l-firem fuq it-tliet ċekkijiet ma kinux jaqblu mal-kalligrafija tal-istess Debattista, filwaqt li kkonkluda wkoll illi l-firma fuq kull ċekk kienet ta' awtur wieħed u komuni.[5]

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi dawn il-proċeduri bdew wara rapport lill-Pulizija daparti kemm tal-eredi ta' Carmelo Debattista, li ġie nieqes qabel inbdew dawn il-proċeduri,[6] u kif ukoll tal-Bank HSBC, dwar suspett li kellhom li l-imputat kien sarraf ċekkijiet li kellhom firem foloz. Dawn iċ-ċekkijiet kienu jappartjenu lil ċertu Carmel Debattista u li fid-data tal-ħruġ tagħhom l-istess Debattista kien rikoverat ġewwa l-isptar. Kienet proprju t-tifla tiegħu, Doreen Manche`, li ndunat b'dan it-tisrif u ġibdet l-attenzjoni tal-Bank li ħa azzjoni f'waqtha meta l-imputat mar biex isarraf ir-raba' ċekk, fejn hemmhekk ġie arrestat mill-Pulizija.

Illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat jagħmel konfessjoni totali ta' kif seħħew il-fatti, u ċioè, li huwa kellu aċċess għall-fond residenzjali ta' Debattista peress li t-tfajla tiegħu, Marouska Vidal, kienet tieħu ħsiebu billi taħsillu xi ħwejjeġ u ssajjarlu. Fl-istess stqarrija l-imputat qal li meta Debattista kien l-isptar huwa ħa ċ-ċwievet tar-residenza mingħand it-tfajla tiegħu, bil-moħbi tagħha, daħal fid-dar ta' Debattista, sab iċ-*cheque book* u beda jużah. Fl-istess stqarrija huwa kien ammetta li kien huwa li ffirma ċ-ċekkijiet inkwistjoni minflok Debattista.

Illi dan kollu huwa kkorroborat mill-provi l-oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni. Fil-fatt jirriżulta illi l-imputat inqabad fil-fatt jipprova jsarraf ċekk simili għal tlieta oħra li kien diġà sarraf mill-kont ta' Debattista. Jirriżulta wkoll illi t-tliet ċekkijiet imsarrfin minnu ġew iffirmati minn persuna li ma kinitx Carmelo Debattista, iżda li l-awtur tal-istess firem kien wieħed komuni. Jirriżulta wkoll illi l-imputat kellu aċċess liberu għall-fond fejn kien jirrisjedi Carmelo Debattista peress li hu u s-sieħba tiegħu kienu jieħdu ħsieb l-istess Debattista peress li kienu ġirien u kienu jikru l-fond tagħhom mingħandu.

Illi Doreen Manche`, bint Debattista, esebiet ukoll skrittura fejn l-imputat kien aċċetta li jirrifondi s-somma żbankata mill-kont ta' Debattista. Madankollu ma jirriżultax illi l-imputat onora l-obbligi assunti minnu fl-istess skrittura stante li fil-kwerela ppreżentata jirriżulta li l-Bank HSBC iddikjara li huwa għamel tajjeb

[5] Rapport a fol. 106 et seq.
[6] Ara certifikat tal-mewt a fol. 90 tal-process

għas-somom żbankati billi rrifonda l-ammont ta’ elfejn, erba’ mija u ħamsin lira Maltin (Lm2450) lill-eredi ta’ Debattista.

Illi permezz tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi imputat illi ffalsifika l-firma ta’ Carmelo Debattista fuq iċ-ċekkijiet inkwistjoni u wkoll illi għamel użu mill-istess, u kwindi bl-istess mezzi għamel qliegħ bi ħsara ta’ Debattista u l-Bank HSBC.

Illi meta din il-Qorti qieset il-provi kollha ma jifdlilha l-ebda dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li ffalsifika l-firem fuq kull ċekk u li eventwalment għamel użu mill-istess meta ġew imsarrfa minnu f’Jannar 2003. Jirriżulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat illi l-istess flus żbankati marru a benefiċċju tal-istess imputat.

Illi l-Qorti lanqas ma għandha dubju dettat mir-raġuni li ma kienx l-istess imputat li seraq iċ-*cheque book* ta’ Carmelo Debattista mill-fond fejn kien jirrisjedi, liema *cheque book* ġie eventwalment elevat mill-Pulizija wara li hu ġie arrestat. Kwindi s-sitt imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata. Però ma tirriżultax il-ħames imputazzjoni, u ċioè dik rigwardanti r-reat ta’ riċettazzjoni.

L-imputat ġie wkoll akkużat li kkommetta reat kontinwat bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jirriżulta ppruvat stante illi huwa sarraf ċekkijiet b’firma falza fi tliet okkażjonijiet, u ċioè fl-20, fil-21 u fis-27 ta’ Jannar 2003 u għamel tentattiv li jsarraf ċekk ieħor fil-31 ta’ Jannar 2003.

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-reċediva, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 2003, intqal: *“Għalkemm il-fedina penali tista’ tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta’ kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta’ xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tiġi akkużata bir-reċidiva.”* ***(Vide anke Pulizija vs Anthony Sammut 9.06.2004, Pulizija vs Paul Abela 10.09.2004 u Pulizija vs Jason James Agius 5.11.2001 – kollha Appelli Kriminali)****.*

Illi l-Prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova tax-xorta msemmija hawn fuq u kwindi fin-nuqqas ta’ tali prova din il-Qorti ma tistax taddebita r-reċediva lill-imputat.

Illi għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, ir-reati kollha addebitati lill-imputat, ad eċċezzjoni tal-ħames imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċediva, jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

Ai fini ta' piena il-Qorti tqis illi r-reati mwettqa huma serji għaliex l-imputat abbuża mill-fiduċja li kellu fih u fis-sieħba tiegħu Carmelo Debattista. Però kkunsidrat ukoll li l-imputat ikkopera mal-pulizija u mill-ewwel ammetta l-iżball li għamel għalkemm dawn il-proċeduri twalu in parti wkoll bi ħtija tal-imputat. Illi f'dan il-każ il-Qorti sejra tapplika wkoll id-dispożizzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress illi s-serq taċ-*cheque book* mill-imputat u l-falsifikazzjoni tal-istess serva bhala mezz sabiex isir il-kummissjoni tar-reat iktar gravi, u ċioè, r-reat tal-frodi.

Illi l-Qorti qieset ukoll il-pieni abbinati mal-istess reati kif kienu fiż-żmien li seħħew ir-reati u dan stante li kienu inqas ħarxa minn dawk preżenti. Il-Qorti tinnota li l-piena abbinata mal-iktar reat gravi illum iġġorr magħha piena ta' massimu ta' disa' (9) snin ħabs, però fiż-żmien li seħħew ir-reati *de quo* il-massimu tal-piena kienet dik ta' seba' (7) snin. Għalhekk din il-Qorti tqis li tista' titratta mal-imputat permezz ta' Ordni ta' Probation stante li tħoss li huwa l-każ fejn l-imputat, minkejja li m'ghadux daqshekk zaghzugh, ghandu jiġi mgħejjun biex jirregola ħajtu aħjar.

**DECIDE**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 167, 169, 183, 184, 284, 285, 289, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lill-imputat ħati, mhux bħala reċediv, tal-imputazzjonijiet kollha ħlief għall-ħames imputazzjoni li hija dik tar-reat ta' riċettazzjoni peress li din ma tirriżultax, u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġi lill-imputat Michael Rizzo taħt **Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet (3) snin** mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħati Michael Rizzo sabiex **jirrifondi lil HSBC Bank (Malta) plc is-somma ta' ħamest elef, seba' mija u sitt ewro (€5706)** b'rati mensili ta' mitejn u tletin ewro (€230) fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard mill-1 ta' Novembru 2020.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin u/jew jekk ma joqgħodx għall-ordnijiet lilu mogħtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta’ Probation tiġi mogħtija minnufih lill-ħati u kopja oħra għandha tiġi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole* sabiex ikun jista’ jassenja uffiċjal tal-probation li jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

Fl-aħħarnett il-Qorti tikkundanna lill-ħati **jħallas l-ispejjeż peritali relatati mal-inkarigu ta’ Dr. Anthony Abela Medici fl-ammont ta’ tliet mija u ħamsin ewro (€350).**

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D.**

**Illum 28 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**
**vs**
**Michael Rizzo**
**(ID: 223577M)**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Michael Rizzo** gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inkluzi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skont l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin**, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hati **Michael Rizzo** li joqghod ______________________________ detentur tal-karta tal-identità numru **223577(M)** ikun ghal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandu/ha j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati **kull sena**.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal tal-Probation skont id- direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lill-hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

……………………………………
Michael Rizzo
K.I. Nru. **223577(M)**

……………………..
Diane Gatt
Deputat Registratur